DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/372/PESK

tal-10 ta' Lulju 2012

li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX-IRAQ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Marzu 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX ([1]).

(2) Fl-14 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/330/PESK ([2]), li estendiet il-missjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.

(3) Wara r-rakkomandazzjonijiet fir-Reviżjoni Strateġika, il-missjoni għandha tiġi estiża b'perijodu ieħor ta' 18-il xhar iktar.

(4) Il-missjoni EUJUST LEX-IRAQ ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat.

(5) Id-Deċiżjoni 2010/330/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/330/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-attivitajiet ta' taħriġ għandhom isiru fl-Iraq u fir-reġjun kif ukoll fl-Unjoni. Il-missjoni EUJUST LEX-IRAQ għandu jkollha uffiċċji fi Brussell, f'Bagdad, inkluża antenna f'Basra, u f'Erbil (Reġjun tal-Kurdistan).".

(2) L-Artikolu 2(5) huwa mħassar.

(3) L-Artikolu 6(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-persunal kollu għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-Missjoni. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (*).

(*) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.".

(4) L-Artikolu 10 huwa b'dan emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kmandant Ċivili tal-Operazzjoni għandu jiddeċiedi l-ippjanar mill-Kap tal-Missjoni ta' miżuri tas-sigurtà u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tagħhom għall-missjoni EUJUST LEX-IRAQ f'konformità mal-Artikoli 4 u 8.";

b) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-membri, il-persunal li jħarreġ u l-esperti tal-missjoni EUJUST LEX-IRAQ għandhom jagħmlu taħriġ obbligatorju fis-sigurtà u, meta jkun il-każ, eżamijiet mediċi qabel kwalunkwe skjerament jew ivvjaġġar lejn l-Iraq.".

(5) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2a. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Missjoni bejn l-1 ta' Lulju 2012 u t-30 ta' Ġunju 2013 għandu jkun ta' EUR 27 150 000.".

(6) Fl-Artikolu 16, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

([1]) ĠU L 62, 9.3.2005, p. 37.
([2]) ĠU L 149, 15.6.2010, p. 12.